MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 32/1997/1

Anthony Tabone .

vs

Salvu u Maria konjugi Buhagiar .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li jppremetta :

Illi l-attur inghata appalt mill-konvenuti ghal xoghol ta' kostruzzjoni fi proprjeta' bin-numru Flat 3/16 Triq il-Karmnu, Victoria, Ghawdex appartenenti lill-konvenuti .

Illi ghadha dovuta lill-attur bhala hlas ghal dan ix-xoghol is-somma ta' elf mija u hdax-il lira Maltija (Lm1,111) ;

Illi minkejja diversi talbiet da parti tal-attur, dan l-ammont baqa' ma thallasx .

Illi fil-fehma tal-attur din is-somma hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jqanqlu u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara illi l-konvenuti debituri fil-konfront tal-attur fis-somma ta' elf mija u hdax-il lira Maltija (Lm1,111) jew kull ammont iehor li jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti liema ammont jirrapprezenta l-hlas li ghadu dovut mill-konvenuti lill-attur ghax-xoghol esegwit kif fuq spjegat .

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-ammont hekk stabbilit.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu wkoll l-imghaxijiet fuq l-ammont imsemmi b'effett mid-data tal-interpellazzjoni ufficjali mibghuta f'Jannar 1997 sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fit-18 ta' Dicembru 1996, tal-ittra ufficjali pprezentata f'Jannar 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelaorju u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fl-istess ismijiet ipprezentanti kontestwalment ma' din il-kawza .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi primarjament l-attur diga’ thallas permezz ta’ “cheque” li huwa ma sarrafx minn jeddu, fl-ammont ta’ hames mija u erbgha u tmenin lira maltija ta’ xoghol li sar fil-fond tal-konvenuti liema ammont wasal ghalih l-istess attur kif indikat fid-dokument “A” ;
2. Illi meta l-istess konvenuti marru meta sar il-hlas ghall-ircevuti ta’ dan l-ammont, huwa ddecieda li jawmenta l-ammont dovut ta’ hames mija u erbgha u tmenin lira maltija (Lm584) ;
3. Illi skond l-istima li saret minn Perit rikjest mill-konvenuti u cioe’ il-Perit Lawrence Montebello huwa wkoll tal-fehma li dan l-ammont ta’ Lm584 huwa wkoll tajjeb bhala ammont dovut ;
4. Salv eccezzjonijiet ohra, l-attur jibqa’ ghas-subizzjoni, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-attur .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament taghhom .

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Jannar 1998 fejn innominat lill-A.I.C. Richard Aquilina bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi l-valur tax-xoghol imwettaq mill-attur fil-fond tal-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppresentata fit-3 ta' Dicembru 2002 u mahlufa minnu fl-14 ta' Mejju 2003 .
Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

F'din il-kawza l-attur qed jirreklama l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghal appalt konsistenti f'xoghol ta' kostruzzjoni maghmul fil-proprjeta' tal-konvenuti u fuq inkarigu taghhom . Il-konvenuti qed joggezzjonaw li jhallsu dan l-ammont, billi jikkontendu li huwa esagerat . Infatti skond stima maghmula mill-istess attur qabel ma bdew ix-

xoghlijiet,[1] il-kont kellu jkun in-nofs ta' dak attwalment mitlub . Gie ammess pero' illi din l-istima proprjament kienet saret ghal skopijiet ta' self bankarju, u ma kienitx tirrifletti l-ispiza vera.[2] Wara li tlestew ix-xoghlijiet, il-konvenuti ppresentaw *bank draft* fl-ammont ta' Lm584 lill-attur, a bazi ta' din l-istima . Dan pero' rrifjutah , u minkejja li gie anke offrut xi haga ohra wkoll, baqa' jinsisti ghall-ammont kollu minnu mitlub .

L-attur qed jippretendi s-somma ta' elf mija u hdax-il lira maltija (Lm1111) . Ghalkemm spjega f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol minnu mwettaq, ma kienx f'pozizzjoni jipprezenta kont dettaljat ta' kif wasal ghal din ic-cifra . Infatti esebixxa biss kont wiehed f'ammont totali ta' Lm585.65.[3]

Il-perit tekniku, wara li ha in konsiderazzjoni x-xoghol kollu mwettaq mill-attur, wasal ghall-konkluzjoni li ghal dan ix-xoghol, bil-prezzijiet kurrenti ta' dak iz-zmien, l-attur kien haqqu seba' mija disa' u hamsin lira maltija u seba' u erbghin centezmu (Lm759.47).[4] Ma' dawn huwa zied jaghtih ukoll hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' l-istess somma, sabiex taghmel tajjeb ghall-fatt li, peress illi l-proprjeta' tal-konvenuti tinsab gewwa sqaq mhux accessibbli ghal truck, "*il-materjal kellu jingarr bil-karretta jew fuq li spalla tul li sqaq kollu*."[5] Meqjus ukoll il-Value Added Tax bi hmistax fil-mija (15%), l-istima totali ghalhekk lahhqet ic-cifra ta' elf tlieta u tmenin lira maltija u ghaxar centezmi (Lm1083.10), differenza minima ta' seba' u ghoxrin lira u disghin centezmu (Lm27.90) mis-somma mitluba .

Dwar il-konteggi maghmula mill-espert nominat ma jista' jkun hemm ebda kontestazzjoni . Madankollu l-Qorti jidhrilha illi percentagg ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) in kunsiderazzjoni tal-garr tal-materjal hija xi ftit esagerata, tenut kont ukoll tal-konsistenza tax-xoghol involut li ma

---

[1] Dok. A a fol.28 tal-process .
[2] ara depozizzjoni tal-konvenuta tat-8 ta' Mejju 1999 a fol. 65 .
[3] ara Dok. AT a fol. 72 .
[4] ara stima peritali a fol. 53 - 55 .
[5] a fol. 55 .

kienx jirrikjedi materjal daqstant goff . Fil-fehma taghha percentagg ta' hmistax fil-mija (15%) ghandha tkun cifra izjed adegwata . Ghalhekk l-ammont dovut ghal dan il-fini ghandu jkun ta' mija tlettax-il lira maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm113.92) . Il-perit tekniku inkluda wkoll il-V.A.T, imma mkien ma rrizulta illi l-attur kien qed jikkalkula din it-taxxa fil-kont tieghu, u ghalhekk din m'ghandhiex tkun ripettibli .

Ghaldaqstant jigi li hija dovut lill-attur ghall-appalt moghti lilu mill-konvenuti is-somma ta' tmien mija tlieta u sebghin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm873.39) . Peress li l-ammont realment dovut gie biss likwidat permezz ta' din is-sentenza, l-interessi relattivi m'ghandhomx jibdew jghoddi hlief mid-data ta' din is-sentenza . Minhabba li din ic-cifra mhix wisq imbeghda mill-ammont offrut mill-konvenuti *in via di transazzione*, jidrilha wkoll li ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur ghall-appalt moghti lilu mill-konvenuti fis-somma ta' tmien mija tlieta u sebghin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm873.39) ;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata lill-attur ;

Bl-interessi fuq din is-somma mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti .

S3297Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------